Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta’ Frar 2001.

Avviz Nru: 1746/97

Fogg Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ estera Avon Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Charles Caruana abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Charles Caruana

Vs

Jesmond Pulis

Il-Qorti;

Rat l-avviz tal-attur nomine ghall-kundanna tal-konvenut, prevja kull dikjarazzjoni ta’ responsabbilita’ skond il-ligi, ghall-hlas lis-socjeta’ attrici Fogg Limited tas-somma ta’ erba’ mija u tmienja u hamsin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm458.28) jew somma ohra verjuri, ammont rappresentanti d-danni sofferti mill-assigurat taghha Charles Caruana, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta’ attrici, u jhallas ukoll lill-attur Charles Caruana s-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ammont rappresentanti excess payment liema danni gew sofferti bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta’ April 1996 ghall-habta ta’ 5.45pm gewwa Triq St. Domenica, kantuniera ma’ Triq is-Sahhara, Zabbar bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAC-434 misjuqa mill-attur Charles Caruana u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni S5313(M) liema

incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 1997, u ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat ma' dan l-avviz lis-socjeta' Allied Insurance Company Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 1997, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet kif dedotti fl-avviz huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza stante illi l-eccipjent ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kaz, u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi prodotti f'din il-kawza jikkonsistu esklussivament fil-provi prodotti mill-atturi waqt li l-konvenut la pproduca provi u lanqas ma deher biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament lil Anthony Savona u Claudio Caruana, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant qieghda tilqa' t-talba attrici u qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' mija tmienja u hamsin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmi (Lm458.28c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Filwaqt li qieghda tiddikjara illi ghall-kollizzjoni in kwistjoni illi grat fis-27 t'April 1996 kif indikata fl-avviz kien unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat.

Dep/Reg